

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunale di Roma (I-Italja) fil-11 ta' Frar 2013 — Mediaset SpA vs Ministero dello Sviluppo Economico

(Kawża C-69/13)

(2013/C 147/11)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Qorti tar-rinviju

Tribunale di Roma

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Mediaset SpA

Konvenut: Ministero dello Sviluppo Economico

Domandi preliminari

(1) Il-Qorti nazzjonali, imsejħa sabiex tiddeċċiedi fuq l-ammont tal-għajnuna mill-Istat li l-irkupru tagħha ġie ordnat mill-Kummissjoni Ewropea, hija marbuta, kemm mill-perspettiva tal-“jekk” kif ukoll tal-“kemm”, mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea, tal-24 ta’ Jannar 2007, adottata wara l-proċedura dwar l-Għajnejha mill-Istat C-52/2005, kif ikkomplata mid-deċiżjoni jiet meħuda mill-Kummissjoni Ewropea fin-noti tal-11 ta’ Ġunju 2008 COMP/H4/EK/cd D(2008) 127 u tat-23 ta’ Ottubru 2009 COMP/H4/CN/si D(2009) 230 u li għet ikkonfermata mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tal-15 ta’ Ġunju 2010, mogħtija fil-kuntest tal-Kawża T-177/07?

(2) Fil-każ k-untrarju, bl-affermazzjoni, fis-sentenza tal-15 ta’ Ġunju 2010 mogħtija fil-Kawża T-177/07, li l-qorti nazzjonali hija kompetenti sabiex tiddeċċiedi fuq l-ammont tal-għajnuna mill-Istat, il-Qorti tal-Ġustizzja kellha l-intenzjoni li tillimit din is-setgħa għall-kwantifikazzjoni ta’ ammont li, sa fejn jirrigwarda għajnejha mill-Istat effettivament implementata jew miksuba, għandu neċċessarjament ikollu valur pożittiv, u ma jkunx ugħalli għal żero?

(3) Jew inkella, bl-affermazzjoni, fis-sentenza tal-15 ta’ Ġunju 2010 mogħtija fil-Kawża T-177/07, li l-Qorti nazzjonali hija kompetenti sabiex tippronunzja ruħha fuq l-ammont tal-għajnejha mill-Istat, il-Qorti tal-Ġustizzja kellha l-intenzjoni tattriwbixxi lill-qorti nazzjonali s-setgħa li tevalwa t-talba ta’ ħlas lura kemm mill-perspettiva tal-“jekk” kif ukoll tal-“kemm” tagħha, u tasal sa tagħtiha s-setgħa li teskludi kull obbligu ta’ ħlas lura?

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunale di Tivoli (I-Italja) fil-11 ta’ Frar 2013 — T

(Kawża C-73/13)

(2013/C 147/12)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Qorti tar-rinviju

Tribunale di Tivoli

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: T

Domandi preliminari

(1) L-Artikolu 82 tad-DPR, tat-30 ta’ Mejju 2002, Nru 115 dwar il-ħlas tal-għajnuna legali mill-Istat fid-dritt Taljan, sa fejn jipponi li l-onorarji u l-ispejjeż dovuti lill-avukat huma llikwidati mill-awtorità ġudizzjarja li tiddeċċiedi permezz ta’ digriet li jistabbilixxi l-ispejjeż filwaqt li tiġi osservata l-iskala applikabbi għall-avukati b'mod li, fi kwalunkwe każ, dawn ma jaqbżux l-ammonti medji previsti mill-iskali applikabbi relatati mal-onorarji, mad-drittijiet u mal-benefiċċi u filwaqt li jittieħdu inkunsiderazzjoni n-natura tas-servizzi pprovduti u l-effett tal-atti mwettqa fuq is-sitwazzjoni proċedurali tal-parti fil-kawża, huwa konformi mad-dispożizzjoni jiet tat-tielet paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, li jipprovdli li għandha tingħata għajnejha legali lil dawk li ma jkollhomx mezzi biżżejjed sa fejn din l-għajnejha tkun meħtieġa sabiex ikun żgurat aċċess effettiv għall-ġustizzja?

(2) L-Artikolu 82 tad-DPR, tat-30 ta’ Mejju 2002, Nru 115 dwar il-ħlas tal- għajnuna legali mill-Istat fid-dritt Taljan, sa fejn jipponi li l-onorarji u l-ispejjeż dovuti lill-avukat huma llikwidati mill-awtorità ġudizzjarja li tiddeċċiedi permezz ta’ digriet li jistabbilixxi l-ispejjeż filwaqt li tiġi osservata l-iskala applikabbi għall-avukati b'mod li, fi kwalunkwe każ, dawn ma jaqbżux l-ammonti medji previsti mill-iskali applikabbi relatati mal-onorarji, mad-drittijiet u mal-benefiċċi u filwaqt li jittieħdu inkunsiderazzjoni n-natura tas-servizzi pprovduti u l-effett tal-atti mwettqa fuq is-sitwazzjoni proċedurali tal-parti fil-kawża, huwa konformi mad-dispożizzjoni jiet tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem, kif ġew integrati fid-dritt Komunitarju b'applikazzjoni tal-Artikolu 52(3) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u tal-Artikolu 6 TUE, kif emendat bit-Trattat ta’ Lisbona?